A.L. 184 ta' l-1994

ATT TA' L-1993 DWAR SANZJONIJIET TAL-KUNSILL TAS-SIGUREZZA TAN-NAZZJONIJIET UNITI (ATT NRU. XX TA' L-1993)

Regolamenti ta' l-1994 dwar Sanzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti (Bord ta' Sorveljanza)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 ta' l-Att ta' l-1993 dwar Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurezza tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Prim Ministru għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1994 dwar Sanzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti (Bord ta' Sorveljanza), u għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fil-11 ta' Frar, 1994.

Bord ta' Sorveljanza.

2. (1) Qiegħed jitwaqqaf Bord ta' Sorveljanza li jkollu l-għamla u l-funzjonijiet stabbiliti b'dan ir-regolament.

Għamla.

(2) Il-Bord ta' Sorveljanza jintgħamel minn rappreżentant tal-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin li jkun *Chairman*, l-Avukat Ġenerali jew ir-rappreżentant tiegħu, rappreżentant tal-Ministeru tal-Finanzi u rappreżentant tal-Bank Ċentrali ta' Malta.

Funzjoni.

(3) Il-Bord ta' Sorveljanza jkollu l-funzjoni li jissorvelja it-tħaddim ta' regolamenti magħmulin bis-saħħa ta' l-Att ta' l-1993 dwar Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurezza tan-Nazzjonijiet Uniti, skond dawk id-direttivi li jistgħu jingħataw mill-organi relevanti tan-Nazzjonijiet Uniti dwar dik il-kwistjoni bil-għan li t-twettieq ta' dawk id-direttivi jkun konformi mat-twettieq li jsir minn stati oħra li jkunu qegħdin iġibu fis-seħħ is-sanzjonijiet relattivi għall-istess regolamenti.

Rapport.

(4) Il-Bord ta' Sorveljanza għandu fi tmiem kull sena, jew iktar qabel jekk ikun hekk meħtieġ, jagħmel rapport dwar l-attivitajiet tiegħu lill-Prim Ministru.

Liberazzjoni negattiva.

3. Persuna tista' titlob lill-Bord ta' Sorveljanza li jagħti deċiżjoni dwar jekk xi azzjoni li tkun bi ħsiebha tagħmel dik il-persuna hijiex projbita minn xi regolament partikolari maħruġ bis-saħħa ta' l-Att ta' l-1993 dwar Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurezza tan-Nazzjonijiet Uniti, u persuna ma jkollha ebda responsabbiltà taħt dawk ir-regolamenti meta dik il-persuna tkun aġixxiet b'mod konformi ma' deċiżjoni simili.

Eżenzjoni minn responsabbiltà.

4. Ebda responsabbiltà, sew kriminali sew ċivili, ma għandha tinkombi fuq xi membru tal-Bord ta' Sorveljanza għal xi azzjoni li ssir *bona fide* minn membru ta' dak il-Bord.

Segretezza.

5. Il-membri tal-Bord ta' Sorveljanza għandhom iqisu kull kwistjoni li huma jsiru jafu biha f'xi talba li ssir bis-saħħa tar-regolament 3 ta' dawn ir-regolamenti, bħala li tkun sigrieta u kunfidenzjali, u ma għandhomx f'rapport li jsir skond il-paragrafu (4) tar-regolament 2, jiżvelaw l-ismijiet jew partikolaritajiet oħra ta' identità li huma jistgħu ikunu jafu bihom f'dak li għandu x'jaqsam ma' talba għal-liberazzjoni negattiva li ssir skond ir-regolament 3.